# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**168.** **2 ta' DICEMBRU 1911.** **IR-RABA SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL COLERA.

Dina il marda cherħa ghadha isserrep, cas l-haŭn u ieħor l-hemm, ġmielha u Alla ħares ma tinkatax ghal collox m'il actar fis ghaliex jecc tibda tidħol is-sħana tista taghmel straġi kalila u barra milli tekred ħafna nies tcompli tgharrak actar milli hu il cummerċ taghna.

Ghidt li haŭn il colera ghaliex billi tħadditt ma't-Tabib Inglott li ghandu esperienza cbira ħafna f'dina il ħaġa, u dana sgurani li xi casi chienu ta's-seŭ colera ma jidhirlix li ŭieħed ghandu ghax jiddubita actar li ma hux hecc.

Mela biex ŭieħed ijfittex jekridha u ma jħallihiex tixxerred actar x'hemm bzonn li jsir ?

Il curantina ma hix ħlief ħrafa li ma hix tajjba ghal ħaġ' oħra ħlief biex tgharrak il cummerċ ta'l pajjis. Ŭara l-istudji sbiħ li ghamel il Professur Chantemesse ta' Pariġi il-lum nafu li il microbu jista jibka ghal żmien tŭil fl-imsaren ta' bniedem bla ma jaghmel l-ebda ħsara m'hux biss iżda lankas juri li hu hemm; u l-attacc jiġi meta ŭara il bniedem jaghmel xi abbus li bih ijgharrak ġismu b'mod li dac il microbu jsib il veleni ħalli jicber u joctor u b'hecc tiffaċċa il marda.

Il cbir Metcnichoff kal ucoll li jecc irridu ta's-seŭŭ inħarsu rŭieħna minn dina il marda cherha ghandna actar inħabblu rasna bl-indafa ta' ġisimna u b'il ghassa ta'l ichel li nieclu milli b'il curantini u id-disinfezjonijiet li xi dakkiet ma humiex ħliet carnivalata sħiħa.

M'il aħħar articolu li ctibt ŭasluli ħemel ta' mistoksijiet fuk l-ichel fi żmien il colera u ghalhecc jiena irrid inŭieġeb ghal xi uħud minnhom biex titghallmu tħarsu rŭieħcom aħjar minn dana il mard.

L-eŭŭel qŭestioni hi dic jecc ŭieħed ghandux jiecol laħam u jixrob brodu jeŭ le. Jiena jidhirli li LE u sejjer infehimcom il ghala.

Il-laħam hi ħaġa li tiffermenta malajr f'il ġisem u l-actar jecc ŭieħed ma jomoghdux b'iż-żejjed li jinħadem tajjeb ma's-succu gastricu ta'l istoncu. Il fermentazjoni fl-imsaren toħlok daŭc it-tossini (veleni) li jiġbdu il microbi ta'l colera ħalli billi jiecluhom jekirduhom. Mela meta tieclu ħaġa li tista tiffermenta malajr f'imsarincom tcunu intom stess kieghdin ixxerrdu il ghasel fejn ma tridux li jinġabar dubbien u dina hi ħaġa li ma tistax tcun.

Barra minn dana il microbi fuk ħaxixa jeu frotta jistghu biss ijpoġġu ghaliex ma jgħixux minnha, iżda fuk il-laħam u l-actar meta dana jcun imrejjaħ xi ftit u ghalhecc ijcun mimli tossini ijbejjtu u jghixu u b'hecc jicbru u jfakksu deŭŭedija. Mela ma jidhrilcomx li meta iddaħħlu il-laħam ġo ficom tcunu kieghdin iddaħħlu ħaġa li cun fiha actarx ijbejjtu l-eluf ta'l microbi u li imbaghad meta tiffermenta fl-imsaren ijsibu actar fuk hix joctru u jiklielu u b'hecc jiġi l-attacc ta'l colera ?

Ġo'l-laħam jista jcun hemm l-eluf ta'l microbi u b'in-nar u billi tomoghdu m'hux dejjem tilħakhom collha u xi ftit jistghu jiscappaŭ ġo msarnec; iżda ġo'l frott u il ħxejjex il microbu ma jistax jidħol ħlief fejn tista tilħku u ghalhecc meta taħsilhom tajjeb ħafna jeŭ ghall bżonn tghaddihom minn fuk in-nar il microbi li jista katt ijcun hemm poġġuti fukhom tilħkuhom sgur u tekirduhom bla ebda pericolu ta' xejn.

Ghalhecc jidhirli li il Gvern ghamel ħażin ħafna li ħela daŭc il ħames mitt lira m'il Caxxa biex kered l-ucuħ ta'l Marsa ghaliex jidirli li chiecu ghalla dic il patata u bieghha hecc jeŭ taha lill fokra chien jaghmel ħaġa ŭisk aħjar u b'il ghakal ghaliex ma chien ijcun hemm l-ebda periclu ta' xejn.

Il brodu hu ucoll ħaġa ħażina ħafna dejjem u l-actar fi żmien il colera, ghaliex f'il brodu m'hux talli ma hemmx sustanza ta' xejn ghaliex dina tibka collha f'il-laħam iżda fih jinġabru il veleni collha li jcun fih il-laħam tant li hu inkas pericolus li tixrob l-aūrina milli il brodu. Issa jiena ġie li ghidtilcom f'in-«Naħla» li aūrina ta' jumejn fiha veleni b'iż-żejjed biex jecc tiġborhom f'dakka joktlu bniedem; mur ara mela jecc tiġbor f'dakka il veleni li jcun fih brodu ta' ġimgha chemm jistghu jaghmlu ħsara actar u li jecc ma jaghmlubiex ijfisser biss li ma jilħkux jinġabru u li in-Natura tcheċċihom ftit ftit m'il actar fis m'il ġisem.

Daūna il veleni ta'l brodu u ta'l-laħam ijħeddlu in-nervi u ghalhecc il ġisem ma tibkaghlux is-saħħa tieghu collha biex jiccumbatti contra il microbi u jghajjuh ħafna ucoll billi jcun ijrid jaħli ħafna m'il forza tieghu biex jokghod ijcheċċihom il barra.

Jiena jidhirli li min hu b'il ghakal fi żmien il colera ma ghandux ijdaħħal f'imsarnu ħūejjeġ li jiffermentaū malajr jeū li jcun fihom ġa miġbura ħafna tossini u ghalhecc jistghu joħolku ħamrija actar tajjba biex fiha joctru il microbi. Mela scond il fehma tieghi jaghmel ħażin ħafna minn kieghed jiecol il-laħam jeū jixrob il brodu.

Haġ'oħra ħażina huma il cafe u it tè. Daūna, scond il gharef Dr. Hubbard, fihom ħafna veleni li jaghmlu ħsara l'in-nervi u ghalhecc ūara li jistimolaū il ġisem bla bżonn ijħaddluh billi jghajjuh u b'hecc ma jcunx jiflaħ jiccumbatti f'it-takbida ħarxa contra l-attacc ta'l colera.

Ghal l-ispirti ma hemm bżonn li nghidilcom xejn ghaliex cullħadd jaf li ġa la darba daūna ma jistghu jaghmlu l-ebda ġid f'il ġisem katt aħseb u ara chemm jistghu jaghmlu actar ħsara fi żmien il colera.

Haūn min kieghed jibża ħafna jiecol il frott u il ħaxix ghaliex jaħseb li jdaħħlu il microbi f'il ġisem. Jiena, ghall cuntrarju, kieghed inghix l-actar fukhom u niecolhom nejja chif ħalakhom Alla ūara li biss incun naddafthom tajjeb.

Il ghorrief collha jghidu li il frott hu antisetticu imħabba f'il hafna acidi u sali prezjusi li fih u ghalhecc ma nistax nifhem chif ħaġa li fiha l-acidi antisettici, iġifieri li jekirdu il microbi, bħal ma huma fost collox il-lumi u it-tadam, jista ūieħed jipprojbihom fi żmien il colera. L-arinġ hu ucoll frott ta' min ijfittxu f'daūna iż-żmienijiet ghaliex l-acidu citricu li fih hu antisetticu ħafif li jaghmel ġid bla ma jista jaghmel ħsara u iz-zoccor li fih ma jiffermentax bħal l-iehor.

Iżda min ghalija fuk x'niecol fi żmien il colera ftit ħabbilt u saħħant rasi ghaliex naf li il pericolu ma hux kieghed hemm. Fuk il blat tista titfa knatar ta' żerrigha ghaliex l-ebda ūaħda ma tinbet sgur. Biex tinbet ijrid ijcun hemm il ħamrija, u il ħamrija f'il ġisem li fiha jinbtu u joctru il microbi ma hix ħlief il ħafna ħmieġijiet u tossini li joħlok il ħafna ichel iffermentat li jcun hemm miġbur fl-imsaren. Jiena bdejt biex somt ħames t-ijiem ħalli dac li chelli miġmugħ ġo msarni tcheċċa il barra. Uara bdejt niecol b'il kies chemm niflaħ u nokghod b'ghajnejja miftuħa jecc humiex kieghdin jinħolku fermentazjonijiet jeū le, u sa chemm ma nara l-ebda sinjal ta' daūna ma ghandix ghax inħabbel rasi u nista niecol dac collu li irrid u li joghġobni ghaliex naf sgur li ma ghandi pericolu ta' xejn u li il microbi jistghu jidħlu b'il mijiet ġo ġismi ghaliex la ma jsibux ħamrija ma jinbtux.

Tnaddfu mela tindifa seūūa minn ġeūūa u minn barra u complu żommu rūieħcom indaf b'il banji fietla u bl-enteroclismi. La tieclux laħam chemm tistghu u la tixorbux brodu, cafè u tè.

La tħaxxux fl-ichel u li tieclu darba biss cull jum ijcun aħjar ħalli l-ichel jilħak jinħadem u jghaddi, u culu ftit minn cull ma tixtieku u ħallu il baħar ijħabbat ghaliex sa chemm ġisimcom ma fihx ħamrija ta' tossini il microbi collha li jidħlu ġo ficom ma jaghmlulcomx ħlief ġid ghaliex ijcomplu jghinucom biex tnaddfu dac il ftit ħmieġ li ma tcunux ilħaktu naddaftu intom.

Mela indafa minn ġeūūa u minn barra, ichel ftit u bla tossini, xorb ħlief ilma u ħalib xejn u la tibżghux ghaliex il microbi jictru f'il ħmieġ u sa chemm tcun indaf ma jaghmlulcom xejn sgur.

## FRAC.

Da'l ġranet is-Socjetà ta'l Arti, Manifatturi u Cummerċ tat lill incisur **Antonio Schembri**, ta' Strada Forni, 57A, il Belt, medalja ta'l fidda u Diploma ghall precisjoni f'ix-xoghol ta'l incisjoni. Nifirħulu ghalhecc b'kalbna collha ghal dana l-unur li bih ūera li fostna ghandna nies ta' ħila f'is-snajja li jistghu jħabbtuha ma daūc ta' pajjisi oħra.

★

B'ghasfa ta' kalb cbira imħabbru il meūt ta' **Ġuseppa Gatt**, li ġrat fl-Isla f'is-16 ta' Novembru, chienet mara maħbuba minn cullħadd ghall ghamil taghha tajjeb u ghall ħniena cbira li chellha lejn il fkar. Nitolbu mela l-Alla li jatiha il mistrieħ ta' dejjem.

★

Il Cumissjoni Reali miexja ġmielha f'is-seduti taghha u kuddiemha kieghdin jersku l-irjus cbar collha ta'l Gvern u b'it-tūieġib taghhom il Cumissjunarji kieghdin jifhmu chemm haūn taħūid f'il pajjis. Naf ucoll li kieghdin jinbaghtulhom ħafna ittri biex bihom ijfiehmuhom f'ħafna taħūid u ghaūġ li haūn u b'hecc il Cumissjunarji jcun jistghu jaghmlu mistoksijiet aħjar ħalli jifhmu x'ghandu jcun il veru ġid ta'l pajjis. Nitimghu li minn dina il Cummissjoni joħroġ xi ftit ta'r-risk ghaliex il Cumisjunarji huma m'hux biss ghorrief ħafna iżda irġiel b'il chif ucoll u ghalhecc ma jħallu lil ħadd ijdaħħalhom fl-ixcora. J'Alla!


## GHAL DAUC LI JILAGHBU IL-LOTTU.

Daun jahsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uiehed jista jaghmel il fortuna tieghu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uiehed jirrifletti illi min jilghab ambo jista jirbah fost 4005, min jilghab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilghab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilghab flusu taht daun il condizionijiet u ma chienx jippreferixxi IS-SELF tal flus bi PREMJI; b'daun il probabiltà li uiehed jirbah hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-ahhar dac li hu actar INTERESSANTI hu illi il flus li uiehed johroġ ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jiġri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti ghaliex ghandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jiġu mibjugha b'rati mensili ta 5sc. bid-dritt li uiehed jista jipparte-cipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taht iffirmata hija biss responsabbli ghall contratti li jġibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt iehor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet ohra ghandu jmur ghand

C. BORNACCINI

119, Strada Teatro, Valletta.

# IL CURA TA'S=SAUM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.*)

Li «SLEDGE HAMMER» ta' Meadville kal:— «*We wish his book could be placed in every home in the land;*» iġifieri nixtieku li naraŭ lil dana il ctieb f'cull dar ta' pajjisna ghaliex ma jistax jaghmel ħlief ġid.

* * *

Il «GRAVESEND AND NORTHFLEET» ta'l Ingilterra chiteb:— «*It is severely and up-to-date scientific...men would enter into a new world of health if they would but follow the counsel of Dr: Dewey;*» iġifieri li il ctieb tieghu hu mibni fuk xjenza l-actar shiħa u li cull min jimxi fuk dac li ghallem Dr: Dewey ma jistax ħlief jaghmel ħafna ġid f'saħħtu.

* * *

Il «KINGDOM» ta' Minneapolis kal:— « *The book is undoubtedly the best interpretation of the laws — the natural moral laws—of health yet written. Acting on Prof: Herron's suggestion I would recommend it to all who are interested in the subject;* » iġifieri li dana il ctieb u l-aħjar ŭieħed li jfisser il-liġijiet ta's-saħħa li ghadu katt inchiteb sa'l ġurnata ta'l lum u li ghalhecc, fuk il fehma ta'l Prof: Herron jirraccmandah lil cull min ijħabbel ftit rasu biex jitghallem chif ijghix kaŭŭi u shiħ.

* * *

Ir-REV: J. S. WOODSIDE fl-«INDIAN STANDARD» chiteb: «*One will look upon it as a new revelation, destined to revolutionize all our habits of living in India, to save many valuable lives, and to increase our capacities for work in a marvelous manner;*» iġifieri li cull min jakra dan il ctieb ta' Dr: Dewey jintebaħ minnufih li bih fetaħ triek ġdida u li sejjer bih ijbiddel ħafna draŭŭiet biex ijżomm ħajjin bosta nies u biex ijghallem chif ŭieħed jista jcattar xoghlu b'ankas tbatija u b'actar kliegh ta' flus.

* * *

Il «MORNING BULLETTIN» ta' Norwich ijsejjaħlu: «*one of the most remarkable and useful books of the day;*» ŭieħed m'il akŭa cotba u m'il'actar meħtieġa li katt dehru fi żmienijietna; u il «HARDFORD POST» kal: «*This book is unique*» iġifieri li ma haŭnx bħalu; bħal ma it-«TEMPLE OF HEALTH» sejjaħlu «*it is really a new gospel*» li hu tasseħ evanġelju ta's-saħħa ġdid u ir-«REFORMED CHURCH MESSENGER» kal «*we sincerily endorse this work*» iġifieri li jżomm ma dac li hemm mictub fih b'kalbu collha.

* * *

L- « EVENINC RECORD » ta' Norwich chiteb fuku:— «*A remarkable book, which from a hygienic standpont is doubtless the most important one of the century ;* » iġifieri li hu l-akŭa ctieb ta'l iġienic li deher f'is-seclu li hareġ, n l-«ASHBURY PARK JOURNAL» kal: «*it is good for the system and promotes economy in domestic affairs* » iġifieri tajjeb gha's-saħħa u ghall but ucoll.

* * *

L-«EDUCATIONAL NEWS» ta' Filadelfja, chiteb:— «*is a work that will attract much attention, not only in the medical profession but among all thoughtful people ;* » u W. H. CLARK, Direttur ta' li «STANDARD» chiteb : — « *I consider that the book has already been worth its weight in gold to me;*» iġifieri li dana il ctieb ghalih ġa sŭielu actar minn mitklu deheb.

* * *

E. A. HEMPSTEAD, Direttur ta'l «CRAWFORD JOURNAL» chiteb:-- «*Dr: Dewey has been my family physician for more than twenty years... his methods have been used and are now used by many persons...has been followed in my family with excellent results... I believe humanity would receive very great benefit from a knowledge of Dewey's methods*» iġifieri li Dr: Dewey chien ilu bħala tabib ta'd-dar ta' Mr: Hempstead ghal ghoxrin sena u li jaf b'ħafna li ghamlu il cura ta's-saum u li saħansitra f'il familja tieghu marru tajjeb ŭisk biha u ghalhecc jitma li ġid biss jista jsir ghal min jimxi fuk dac li ghallem Dr: Dewey.

* * *

SAMUEL P. BATES, L.L.D. DEPART: STATE, SUPT. OF PUBLIC INSTRUCTION OF PENNSYLVANIA AND STATE HISTORIAN chiteb:— «*Dr: Dewey has been my family physician; he has* PHENOMENAL SUCCESS *by a very simple and common-sense treatment that cannot be too widely heralded*» iġifieri li Dr: Dewey chien tabib ta'd-dar tieghu u li jaf li iccura ħafna nies b'mod li jghaġġeb b'is-seŭm tieghu u ghalhecc ħakku cull tifħir u m'il akŭa.

* * *

THOMAS RODDY, ATTORNEY-AT-LAW f'Meadville kal:— « *Dr: Dewey has been my family physician for over twenty years, during four of which in constant attendance. From these opportunities and personal observation I feel satisfied that he has discovered* THE TRUE METHOD OF TREATING DISEASE... *he has been so successful as to appear in some cases* ALMOST MIRACULOUS;» iġifieri li Dr: Dewey chien ilu tabib ta'l familja tieghu ghal actar minn ghoxrin sena u li f'erbgha minnhom il mard ma nakas katt f'id-dar. Minn dana sata jintebaħ li Dr: Dewey chien sab IL VERA CURA LI TFEJJAK CULL MARDA.... u li bosta drabi irnexxietlu tant tajjeb f'ħafna mardijiet coroħ li ŭieħed chien jista donnu jghid li chien kieghed jaghmel il miracli.

Nitlobcom li tiżnu seŭŭa min huma daŭna in-nies li kieghdin tant ijfaħħru il cura ta's-saŭm iġifieri li m'hux biss huma nies cbar u maghrufa minn bosta nies iżda li minn dan li kalu ma chienu sejjrin ijdaħħlu xejn f'il but.

* * *

IDA B. CLARK, majjistra ta'l iscola f'Meadville chienet **marida b'sidirha** u ŭara li ghamlet il cura ta's-saum fieket. Ŭara disa snin m'il fejkan chitbet:— «*It is with great pleasure I speak of the result of nine years' following Dr: Dewey's system... Consumption was deemed inevitable... to-day I have perfect health and have nearly completed a year's arduous labor in the school-room without having lost an hour's time or taking a dose of medicine.*» iġifieri li m'hux biss fieket u sa disa snin ŭara bakghet imfejjka ghal collox iżda chienet tista taħdem bl-jebes bla ma tbati xejn.

(*Tissocta.*)

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

—«U Garzia ma raġax ġie ?» staksiet Marija.

- «Iva,» ŭieġibha żeŭġha Ambroġ «fis-7 ta' Settembru niżżel 8,300 ruħ il Mellieħa li telgħu, bla ma gerrixhom ħadd, l'ħaŭn. Malli ŭaslet l-aħbar il Birgu il Gran Mastru mar f'San Laŭrenz b'il poplu collu ŭarajh u kalb għajat u bichi ta' ferħ cbir cantaŭ it-*Te Deum*. It-Toroc tfixclu u bdeŭ b'il għaġla collha jgħabbu biex jaħirbu m'il actar fis li jistgħu biex ġa la darba ħelsu m'il kattara tagħna ma jeħlux f'il miżjeb ta'l Vicirè. Mustafà f'il 10 ta' Settembru ġibed l-ħaŭn b'għaxar t-elef ruħ u Pialì sak l-armata lejn S. Paŭl-il-Baħar. Il chiefer Mustafà biex jitħallas m'id-dakka ta' ħarta cherha li kala ħarak Ħ'Attard u ureŭ li jridu jaħbtu għalina. Iżda malli tagħna ħarġu għalihom ħarbu ħin bla ŭakt lejn San Paŭl-il-Baħar u b'hecc il gżira maħbuba tagħna ma ŭakgħetx taħt il killa ta'l madmad aħrax tagħhom. La Vallette chien għadu ma jaf b'xejn u għalhecc feraħ bla tarf, u il poplu miegħu, meta saru jafu b'il ħarba m'il fomm ta' Ndri Żaħra, hu l-Iskof ta' Vico u minn Ġacbu Pace li ġeŭ mibgħutin b'il bxara minn Mesquita. Meta rajna il klugħ b'in-Nofs Kamar ijgħibu l-hemm m'ix-xefak għajjatna chemm flaħna, mitlufa b'il ferħ: «*irbaħna ! irbaħna ! irbaħna !*» u nxtħetna għa'r-rcopptejna niżżu ħajr lil Ħanin Alla li għoġbu jeħlisna m'il killa ħarxa ta'l faħxija Musulmani.» Dana ġara f'it-13 ta' Settembru 1565.»

—«Mur ara chemm feraħ La Vallette !» kabżet kalet Rużanna.

—«Bla tarf !» tenna Ambroġ. «Bagħat minnufih l-aħbar tajjba lill Papa bla ma semma biss lil Vicirè u għalhecc dana baka joboghdu sa'l meŭt. Iżda cullħadd tnicchet m'il ġdid u xerred dmugħ bla tarf meta ġibna kuddiem għajnejna chemm tlifna nies—disa t-elef b'collox. Tasseŭ li it-Toroc ħalleŭ mejjta ħaŭn għoxrin elf iżda it-tefa ta' tant ħbieb u kraba chienet bla sabar għalina.»

—«U Garzia x'seħem ħa ?» staksa bi tbissima li taksam il klub Xara.

—«L-ebda ŭieħed» ŭieġbu Ambroġ «għaliex ŭasal ħaŭn bi tmienja u erbgħin xini jumejn ŭara li chienu għasfru it-Toroc. Cullħadd ŭrieh li feraħ bih iżda bħal dac li jbus id li jixtiekha maktugħa. Il Ħadd li ġie ŭara ħarġu processjonijiet u tcanta it-*Te Deum* ma cull'imchien u Fra Robert, li chien fiek m'il ġerħa li dabbar, għamel taħdita f'San Laŭrenz u biha tant mess il klub li cullħadd infexx jolfok bħal tarbija.»

—«Dam ħaŭn il Vicirè ?» staksiet Marija.

— «Le» ŭieġibha żeŭġha «ra li ġie milkugħ fuk demm-id-dars. Dar daŭra ma's-sŭar u meta ra dac il ħrieb collu faħħar ħafna il ħila ta'l għaġeb ta' daŭc il kalbiena li ħarsu lil daŭc is-sŭar u dic il-lejla daŭŭar denbu il barra.»

— «Mur ara Soliman chemm inchedd meta ra lil flotta tiegħu dieħla b'il għalla mdendla !» kalet Rużanna.»

—«Tista taħseb !» tenna Ambroġ «tmasħan bla tarf u lil Mustafà f'il ħin li ċanfru bl-iċreħ kallu:—«*Ix-xabla tiegħi tisŭa, iżda meta naħchimha jien !*» Il għajb ta't-Toroc chien cbir ta's-seŭ bħal ma it-tifħir li għamlu lilna chien cbir bla tarf *. F'il Capitlu Ġeneral li sar f'Marzu ta'l 1566 bakgħu li għandha cull sena issir m'il aħjar u b'ferħ cbir il Festa ta'l Vittorja f'it-8 ta' Settembru b'tifchira għażiża ta' dina ir-rebħa cbira tagħna fuk in-Nofs Kamar u saret ġabra seŭŭa biex biha jżeŭŭġu il ħafna xebbiet li bakgħu iltiema billi jatuhom ħamsa u għoxrin scud dota cull ŭaħda. Is-Slaten insara collha bagħtu jifirħu lil La Vallette għal dina ir-rebħa hecc sabiħa għaliex li morna minn taħt aħna min jaf x'chien ijsir m'il Italja ? ** F'Ruma għalhecc f'it-23 ta' Settembru saret processjoni b'il chif minn Sta. Marija Maggiore għal S. Ġŭann Lateranu fejn tkaddset kuddiesa cantata kuddiem il Papa stess. Filippu ta' Spanja bagħatlu xabla b'il pum ta'd-deħeb mcheŭcheb b'id-djamanti u taħ l-isem ta' «IL CBIR EROI TA'S-SECLU» li tasseŭ chien jixraklu u jokgħodlu għal ħila cbira li ŭera ma' tul l-Assedju. La Vallette għamel ta' b'ir-ruħu li jrid jitlak il gżejjer u jinġabar fi Skallija iżda il Papa Dumnican San Piju Ħamsa kaŭŭielu kalbu biex ijtajjar dana il fellus minn rasu u ŭiegħdu li għandu jgħinu m'il aħjar li jista biex jarġa jsaħħaħ il gżira billi bdiet tiġri ix-xniha li Soliman chien kiegħed jarġa jħejji ruħu ħalli jiġi jaħbat hu stess għalina. Intgħata il ġubleŭ biex jiġbru il flus għall bini ta'l belt il ġdida fuk il għolja ta' Xiberras u Cosmu de' Medici ŭiegħed li għandu jibgħat l-inġinier ta' ħila cbira toscan, Francesco Lapparelli, u b'hecc bdiet tinħema il kiegħa biex jitŭakkaf dac il monument sabiħ li jibka jŭassal l-isem glorjus ta' La Vallette sa'l ibgħad żmienijiet.»

Ilfiek ta' mara isfel fixchilhom. Chienet omm imniccta u imbicchija li ġiet tiġri għa't-Tabib biex tara jecc jistax ijsalvalha lil binha li chien kiegħed jarfa fl-aħħar ta' ħajjtu. It-Tabib Xara chellu kalbu tajjba ŭisk u għalhecc kam biex ijmur jakdi dmiru m'il actar fis li jista.

Pinu Gaŭci, li chien fuk ix-xŭiec biex ijmur miegħu, ħalli jcompli jisma il ġrajja ta'l għaġeb ta' Żaħra, kam ucoll biex ijmur ijŭasslu. Rużanna niżlet magħhom sa'l bieb ta' barra u għalket ŭarajhom bla ma katt għaddielha minn rasha li it-telfa li chellu Gaŭci f'dic il-lejla chienet li jcun jaf x'chien niseġ dac il misħut ta' De Saqueville contra tagħha b'il ħbieberija karrieka tiegħu ma' ħuha Dun Matteŭ.

Ambroġ baka jitchellem ras ma' ras ma' Marija, mitlufin f'il ferħa cbira li chienet bdiet tnisslilhom dic it-tama kaŭŭija li nibtet dlonc fi klubhom, li ftit xhur oħra chienu jiżdiedu b'anġlu m'is-sema ħalli jfarraġhom m'il hemm li kabel chien ferraħ fukhom il faħxi Raħeb ta' San Ġŭann—De Saqŭeville.

---

* **Scipione Ammirato** *fl*-«**Istorie Fiorentine**» *Part: II, Lib: 35 ijfaħħarna b'dana il mod:* «*Basta dire d'essere questa stata una delle più gloriose difese che fusse mai stata fatta da Christiani contro le forze del Turco. Et se noi leggiamo con maraviglia l'antiche storie de' Greci, et parci gran cosa, che al numeroso essercito di Xerse tutta la Grecia insieme havesse fatto contrasto, di gran lunga fia cosa degna di maggior ammirazione, che alle forze tremende de' Turchi, se non di numero certo di valore, et di qualità d'armi da preporsi a quelle degli antichi Persiani, un isola, qual è Malta, non che abbia fatto riparo, ma con si notabil danno rintuzzato l'orgoglio et la superbia turchesca. Hebbero ben gli antichi questa ventura d'abbattersi a scrittori più nobili, i quali con la maestria e bellezza del dire molto aggiunsero di polso e di vigore all'opere loro; ma se noi, pesando le cose per quel che elle vagliono, non ci lascieremo abbagliare dall'apparenza, certo a grande equità possono cedere alla difesa di Malta le famose pruove di Talamina e di Maratona.*

** «*Guai all'Italia se Malta cadeva allora nelle griffe turchesche*» (**Muratori**).

# St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal għal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Daŭc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghad-deŭ tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fl Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

## SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

## CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma daŭ li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daũc collha li jridu jiccuraũ rũiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeũ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haũn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26, Il Belt.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**



Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũħ fukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħũejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabiħ ũisk u ħafna ħũejjeġ oħra bħal daũn ta'l aħjar qũalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaũ biex taraũ chif toħorġu cuntenti sgur.

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŨ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

**METAL POLISH "PHONIX"**

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŨ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn hadd li ma hux mahsns b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jithabtu biex ijsibu cura seũũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaũ iżda hadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŨH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.